IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.2.2021
COM(2021) 53 final

2021/0030 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"[1]), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex japplika miżuri speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea (UE) fil-31 ta' Jannar 2020. F'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ[2], dan issa sar pajjiż terz għall-UE.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-leġiżlazzjoni tal-VAT tal-UE ma għadhiex applikabbli fir-Renju Unit. Madankollu, abbażi tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq[3] (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") li jifforma parti mill-Ftehim dwar il-ħruġ, l-Irlanda ta' Fuq tibqa' soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-VAT tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-merkanzija biex jiġi evitat li jkun hemm fruntiera fiżika bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Min-naħa l-oħra, fejn jidħlu s-servizzi, l-Irlanda ta' Fuq titqies li hi barra l-UE, flimkien mal-bqija tar-Renju Unit.

Dan inevitabbilment iwassal għal sistema doppja jew imħallta tat-taxxa fuq il-valur miżjud fl-Irlanda ta' Fuq li biha, skont ir-regoli tal-post tat-tranżazzjonijiet taxxabbli stipulati fit-Titolu V tad-Direttiva tal-VAT, il-provvisti, l-akkwisti intra-Komunitarji u l-importazzjonijiet ta' merkanzija li jinsabu fl-Irlanda ta' Fuq huma soġġetti għar-regoli armonizzati tal-UE filwaqt li l-provvisti tas-servizzi li jsiru fl-istess territorju mhumiex soġġetti għas-sistema tal-VAT tal-UE.

Għalhekk, biex fl-Irlanda ta' Fuq tkompli tiġi applikata skema speċjali dwar il-VAT, li tipprevedi miżuri b'rata fissa fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud mhux deduċibbli imposta fuq in-nefqa tal-fjuwil fil-karozzi tal-kumpaniji, li jiddevjaw mir-regoli ġenerali stabbiliti fid-Direttiva tal-VAT, huwa meħtieġ l-għoti ta' deroga skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2020, ir-Renju Unit talab awtorizzazzjoni biex ikompli japplika miżura li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-VAT. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri b'ittra tal-10 ta' Diċembru 2020 bit-talba li għamel ir-Renju Unit. B'ittra datata l-11 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għarrfet lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovuta minn fuq ix-xiri li jsir għall-skopijiet ta' tranżazzjonijiet taxxabbli. L-Artikolu 16 tal-istess Direttiva jitlob li l-applikazzjoni minn persuna taxxabbli ta' merkanzija li tifforma parti mill-assi tan-negozju tagħha għall-użu privat tagħha jew tal-persunal tagħha, titqies bħala provvista bi ħlas, fejn il-VAT fuq dik il-merkanzija jew il-partijiet komponenti tagħha kienet deduċibbli kollha jew parti minnha. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun tnaqqset fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Il-Ftehim tal-Kunsill dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU C384 I, 12.11.2019, p.1).

3 ĠU C384 I tal-12.11.2019, p. 92.

Fil-każ ta' karozzi tal-kumpaniji li jintużaw parzjalment għal skopijiet privati (mhux kummerċjali), ta' sikwit ma jkunx faċli li wieħed jikkalkula u jintaxxa n-nefqa marbuta mal-użu privat skont ir-regoli msemmija hawn fuq.

F'dan il-kuntest, ir-Renju Unit kien jopera skema speċjali ta' tassazzjoni b'rata fissa għall-użu privat tal-karozzi tal-kumpaniji, awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/356/KEE tal-21 ta' Lulju 1986, li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżuri ta' rata fissa għall-VAT mhux deduċibbli fuq l-infiq għall-fjuwil għall-karozzi tal-kumpaniji[4], li kienet ibbażata fuq il-kapaċità tal-magna u t-tip ta' fjuwil tal-karozza.

Din id-deroga oriġinali tħassret u ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover[5], li tintroduċi taxxa b'rata fissa fuq l-użu privat abbażi tal-klassifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-karozza. Din l-aħħar Deċiżjoni tal-Kunsill ġiet min-naħa tagħha sostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109 tas-17 ta' Novembru 2015[6], li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2018. Estensjoni oħra tal-miżura, sal-31 ta' Diċembru 2020, ingħatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1918 tal-4 ta' Diċembru 2018[7].

L-iskema hija bbażata fuq il-fatt li hemm relazzjoni diretta bejn l-emissjonijiet u l-ammont ta' fjuwil ikkunsmat, billi konsum ikbar tal-fjuwil jikkorrispondi ma' iktar emissjonijiet. Il-konsum tal-fjuwil għal kull kilometru jiġi kkalkulat abbażi ta' dawn il-klassifikazzjonijiet tal-emissjonijiet, imbagħad jiġi kkombinat mal-kilometraġġ medju ta' użu privat, iddeterminat abbażi ta' data fiskali diretta u l-prezz bl-imnut tal-fjuwil għat-trasport bit-triq. Dan iwassal għal ħlas għall-użu privat li jikkorrispondi mal-ammont ta' VAT dovuta fuq l-użu privat tal-vettura. Is-sistema hija fakultattiva għall-persuni taxxabbli li jistgħu jagħżlu li ma jirkuprawx il-VAT fuq il-fjuwil tagħhom. Alternattivament, huma jistgħu jżommu rekords dettaljati tal-kilometraġġ biex jipprovdu evidenza u jappoġġaw kalkolu tal-kilometraġġ privat tagħhom.

Fit-talba tiegħu r-Renju Unit inkluda spjegazzjoni dwar il-funzjonament tal-miżura ta' deroga. Skont ir-Renju Unit, din is-sistema ħadmet b'mod preċiż u wasslet għal simplifikazzjoni sostanzjali, kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa. Ir-Renju Unit jiddikjara wkoll li huwa jagħti ċertezza legali lill-persuni taxxabbli billi jipprovdi metodu simplifikat li jista' jintuża biex titqies il-VAT fuq l-użu privat ta' fjuwil.

Fuq din il-bażi, ir-Renju Unit, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq talab għal awtorizzazzjoni biex l-applikazzjoni tad-deroga titkompla mill-1 ta' Jannar 2021. Id-deroga jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2023, sabiex ikun jista' jiġi vvalutat jekk skema ta' rata fissa għadhiex riflessjoni korretta tat-tqassim kumplessiv bejn l-użu tan-negozju u dak privat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħ, huwa jawtorizza lill-Istati Membri jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet, li ddaħħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' waqfien totali li jirrestringu d-dritt għal tnaqqis tal-VAT b'rabta mal-karozzi tal-passiġġieri.

[4] ĠU L 212, 2.8.1986, p. 35.
[5] ĠU L 272, 3.10.2006, p. 15.
[6] ĠU L 305, 21.11.2015, p. 49-50.
[7] ĠU L 311, 7.12.2018, p.30-31.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli li skonthom il-kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni fuq id-dritt għal tnaqqis[8], din id-deroga hija xierqa fl-istennija tal-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SSUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta wieħed iqis id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq, jiġifieri li tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jiġi ssimplifikat il-ġbir tal-VAT f'settur speċifiku.

Is-sistema tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat billi tista' tiġi indirizzata individwalment.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u tikkonċerna biss lil dan it-territorju.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Deċiżjoni proposta timmira li tissimplifika l-ġbir tal-VAT b'rabta man-nefqa tal-fjuwil għall-vetturi tal-kumpaniji li jintużaw parzjalment għal skopijiet mhux kummerċjali u, għalhekk, għandha impatt potenzjali pożittiv.

[8] COM (2004) 728 final - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153, 21. 05. 2014, p. 3)

Għall-persuni taxxabbli li jagħżlu li jużaw din is-sistema, din id-Deċiżjoni tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-konformità billi tneħħi l-bżonn li jinżammu rekords dettaljati tal-kilometraġġ ta' kull karozza tal-kumpanija għal skopijiet tal-VAT. Rekwiżiti bħal dawn għaż-żamma tar-rekords aktarx jirrikjedu ħafna ħin u ta' sikwit jimponu piż amministrattiv sinifikanti għal ammonti relattivament żgħar ta' taxxa. Il-metodu tas-simplifikazzjoni jnaqqas ukoll il-piżijiet għall-awtoritajiet tat-taxxa li kieku kien ikollhom jivverifikaw ħafna sitwazzjonijiet individwali.

Madankollu, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, f'kull każ l-impatt se jkun limitat.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITITARJI

Il-proposta mhu se jkollha l-ebda implikazzjonijiet negattivi għall-baġit tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest ta' min jiftakar li, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Protokoll, id-dħul li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li jkunu taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux jingħata lill-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni; limitu ta' żmien awtomatiku li jiskorri fil-31 ta' Diċembru 2023.

2021/0030 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020 abbażi tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"). Għalhekk, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") ma għadhiex applikabbli għar-Renju Unit jew fih.

(2) Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll"), li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-VAT tkompli tapplika fl-Irlanda ta' Fuq[2] fir-rigward tal-merkanzija.

(3) Għalhekk, persuni taxxabbli u ċerti persuni ġuridiċi mhux taxxabbli fir-Renju Unit jibqgħu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-VAT għal tranżazzjonijiet f'merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq.

(4) Skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, persuna taxxabbli hija intitolata tnaqqas il-VAT imposta fuq l-affarijiet li tkun xtrat għall-iskopijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli. Madanakollu, l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva jitlob li l-applikazzjoni minn persuna taxxabbli ta' merkanzija li tifforma parti mill-assi tan-negozju tagħha għall-użu privat tagħha jew tal-persunal tagħha, titqies bħala provvista bi ħlas, fejn il-VAT fuq dik il-merkanzija jew il-partijiet komponenti tagħha kienet deduċibbli kollha jew parti minnha. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun tnaqqset fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

(5) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE[3], ir-Renju Unit kien awtorizzat li japplika, sal-31 ta' Diċembru 2015, miżura speċjali sabiex jiddetermina l-bażi tal-

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[2] Soġġett għall-kunsens demokratiku, imsemmi fl-Artikolu 18 tal-Protokoll, għall-applikazzjoni kontinwa tal-Artikolu 8 tiegħu.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover (ĠU L 272, 3.10.2006, p. 15).

proporzjon ta-VAT mhux deduċibbli marbut mal-infiq fuq il-karburant għall-vetturi kummerċjali li ma jintużawx esklussivament għal skopijiet kummerċjali ("il-miżura speċjali"). Il-miżura speċjali, li hija fakultattiva għall-persuni taxxabbli, hija bbażata fuq il-livell tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozza, peress li hemm korrelazzjoni proporzjonali bejn l-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil u, għalhekk, mal-infiq fuq il-fjuwil.

(6) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109[4], ir-Renju Unit ġie awtorizzat ikompli japplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2018. Estensjoni oħra, sal-31 ta' Diċembru 2020, ingħatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1918[5].

(7) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2020, ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura speċjali sal-1 ta' Jannar 2021. It-talba inkludiet spjegazzjoni dwar il-funzjonament tal-miżura speċjali.

(8) Il-Kummissjoni għaddiet it-talba li saret mir-Renju Unit lil Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata l-10 ta' Diċembru 2020. B'ittra datata l-11 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għarrfet lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(9) Skont ir-Renju Unit, il-miżura speċjali pprovdiet proċedura simplifikata effiċjenti għall-ġbir tal-VAT fir-rigward tan-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi tan-negozju parzjalment użati għal skopijiet privati, kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa. Għalhekk huwa xieraq li r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq jiġi awtorizzat ikompli japplika l-miżura speċjali.

(10) Id-deroga jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2023, għaliex huwa neċessarju li perjodikament jerġa' jiġi vvalutat jekk skema ta' rata fissa għadhiex riflessjoni korretta tat-tqassim kumplessiv bejn l-użu tan-negozju u dak privat.

(11) F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Protokoll, id-dħul li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li jkunu taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux jingħata lill-Unjoni. Għalhekk, il-miżura speċjali mhu se jkollha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq huwa awtorizzat, sal-31 ta' Diċembru 2023 li jiffissa fuq bażi ta' rata fissa l-proporzjon tal-VAT relatat mal-infiq għall-karburant użat għal skopijiet privati għall-karozzi kummerċjali.

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109 tas-17 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 305, 21.11.2015, p. 49).

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1918 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 30).

*Artikolu 2*

Il-proporzjon tat-taxxa msemmi fl-Artikolu 1 għandu jiġi espress f'ammonti fissi, stabbiliti fuq il-bażi tal-livell ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tat-tip ta' vettura, li jirrifletti l-konsum tal-fjuwil. Ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għandu jaġġusta dawk l-ammonti fissi annwalment biex jirrifletti l-bidliet fil-kost medju tal-karburant.

*Artikolu 3*

Is-sistema stabbilita fuq il-bażi ta' din id-Direttiva għandha tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*